**191. L-Onor. Alfred Sant u l-Onor. Angelo Farrugia pproponew illi:**

Din il-Kamra tar-Rappreżentanti:

Wara li kkunsidrat iċ-ċirkostanzi ta' l-arrest tas-Sur Andre' Carbonaro, membru tas-segretarjat privat tal-Ministru tal-Ġustizzja u Kunsilli Lokali l-Onor. Austin Gatt, mit-taqsima tad-droga tal-pulizija, li ttella' quddiem il-qorti b'akkuża ta' reati kontra l-liġijiet tal-kambju;

Wara li rat it-tweġiba parlamentari mogħtija mill-Onor. Austin Gatt fejn iddeskriva l-impjieg tas-Sur Carbonaro fis-segretarjat privat tiegħu bħala dak ta' "secretarial officer. Additional responsibilities - Private secretary", (PQ 11539, datata 29 ta' Novembru 1999), liema kariga timplika funzjonijiet ewlenin fi ħdan l-operat tal-Ministeru tal-Ġustizzja;

Wara li kkunsidrat ir-riżenja ta' l-Onor Gatt minn Ministru u r-rifjut immedjat ta' din ir-riżenja mill-Prim Ministru l-Onor Eddie Fenech Adami, għar-raġuni mogħtija pubblikament, li ma kien hemm l-ebda konnessjoni bejn ir-reat li bih hu mixli s-Sur Carbonaro u l-funzjonijiet li kien qed jeżerċita fil-Ministeru ta' l-Onor Gatt;

TIKKUNDANNA lill-Onor Prim Ministru Fenech Adami u l-gvern immexxi minnu, talli qegħdin jirrikorru għal strataġemmi ta' riżenji finti, biex responsabbli għolja tal-gvern jevitaw li jagħtu rendikont ta' għemilhom;

ISSOSTNI li l-Ministru Gatt iġorr responsabbilta' diretta, personali, politika u amministrattiva għall-aġir tas-Sur Carbonaro li lilu fada post ta' importanza kbira fit-tmexxija tal-Ministeru tiegħu, u li l-Ministru Gatt ma għarafx jissodisfa l-kriterji ta' ġudizzju politiku u d-dmirijiet li joħorġu mir-responsabbilta' ministerjali li għandu;

TISTQARR in-nuqqas ta' fiduċja tagħha fil-Prim Ministru u fil-Minsitru Gatt, minħabba l-imġieba tagħhom f'dan il-każ mill-aktar serju, li jkompli ma' sensiela ta' każi oħra fejn il-gvern ta' Dr Fenech Adami wera li ma jimportah xejn mill-valuri ta' trasparenza u ta' responsabbilta' li huma l-pern ta' kull demokrazija vera;

TESIĠI li ssir inkjesta parlamentari dwar il-każ tas-Sur Carbonaro.

22.03.01